MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2015

Appell Kriminali Numru. 475/2014

Appell Nru: 475/2014

Il-Pulizja

Vs

Paul Busuttil

Illum 26 ta' Marzu, 2015,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Paul Busuttil, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 738345M akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fl-20 ta' Frar, 2014 ghall-habta ta' 17:45hrs f'dawret il-Gudja, Gudja waqt li kien qed isuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni BAU 624:

1. B'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, nvolontarjament ikkaguna offizi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Aloisia Bugeja skond kif iccertifika Dr. Mario Cilia M.D. ta' MDH.

Il-prosekuzzjoni talbet sabiex f'kaz ta' sejbien ta' htija l-imputat jigi skwalifikat mill-licenzji kollha tas-sewqan tieghu.

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tas-7 ta' Novembru, 2014, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikolu 226 tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-akkuza kif dedotta kontrih u kkundannatu multa ta' mitt ewro (€100).

Rat ir-rikors tal-appell ta' Paul Busuttil, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fid-19 ta' Novembru, 2014, fejn talab lil din il-Qorti, tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevoka s-sentenza appellata billi tiddikjara l-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet dedotti u kwindi tilliberah skond il-ligi.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Paul Busuttil huma s-segwenti w cioe':-

1. L-ewwel u qabel kollox l-imputat qed jishaq fuq l-innocenza tieghu.

2. Illi l-imputat skanta kif Aloisa Bugeja azzardat tixhed b'mod falz fejn gabitha li hi kienet qed issuq qabel l-imputat w ziedet li anki gie ma gemb fejn kienet.
3. Illi deher car li l-imputat ma kienitx attenta tant ma kinietx interessata fid-danni! Illi dan hu stramb u jfakkar wiehed fil-kaz tax-xabla ta' Salamun fejn meta gie suggerit li t-tabija tinqasam fin-nos, l-omm biologika tat-tarbija b'imhabba lejn l-istess tarbija ghazlet li l-mara l-ohra tieghu t-tarbija biex din tal-ahhar tibqa' hajja! Ir-re Salamun iddecieda favur l-omm biologika. Illi l-istess hawn, Aloisia Bugeja benglet il-kaz b'tali mod li m'hiex interessata aktar fil-kaz. Illi dan hu kontra l-hiseb tal-imputat m'hux ghax qed jishaq fuq l-innocneza teighu imma qed jara li min verament hu hati qed jiskappa!
4. Illi bhala aggunt ghas-suespost, l-imputat fuq l-insistenza tal-innocenza tieghu, pproduca kif seta l-provi tieghu biex juri l-innocenza teighu ghax, bhal ma stqarr hu stess, hu kien komdu fis-sewqan la ma kien hemm hadd la qablu u lanqas mal-genb; illi di più l-imputat kien ga gewwa r-roundabot u kienet l-istess Aloisia Bugeja li kienet gejja minn wara li ma kienitx attenta w baqghet diehla fil-vettura tal-imputat, liema haga tispjega l-ghaliex jirrizulta d-daqqa fin-naha tas-sewwieq.
5. Illi allacjat mas-suespost, dan l-incident jikxef nuqqas ta' attenzjoni min-naha ta' Aloisia Bugeja, li stqarret li kienet mghaggla peress li kellha tieg iktar tard dik il-gurnata! Illi dan qed jinghad ghax mir-ritratti li gew ezebiti minn certu Frederick Portelli li kien ghaddej u indika li hu kien ha r-ritratti. Illi ezami tar-ritratti juru li bazikament it-triq hi dritta. Illi dan ifisser ukoll li hi kienet ghal kollox m'hux attenta w li kienet mghaggla wara li spiccat mix-xoghol liema haga turi nuqqas serju ta' 'proper lookout' u attenzjoni minn naha taghha. Illi wiehed ghandu jzid ukoll li sija qabel kif ukoll meta l-imputat kien gia gewwa r-roundabout, l-indicator kien mixhgul. Illi meta l-imputat tkellem ma' Aloisia Bugeja jekk indunat u rat l-indicator mixhgul, hi ma stqarret xejn! Illi wiehed ghandu jzid ukoll li dan ix-xhud kien prezenti meta l-pulizija kienu qed jkejlu l-breakmarks tal-vettura tal-imptuat, liema haga ma tistax tinghad fir-rigward ta' Aloisia Bugeja.

6. Illi fil-fatt, gie osservat w indikat fl-awla mill-konsulent sottoskritt kif il-pulizija ma hadux passi wkoll kontra Aloisia Bugeja. Illi talli waqghet fl-art ma tfissirx li ma kelliex tort fl-incident li gara. Illi ghalhekk, l-investigazzjoni li saret kienet wahda ghal kollox superficjali bil-konsegwenza odjerna m'hux gustifikata.
7. Illi di piu, qed jigi sottolineat il-fatt li Aloisia Bugeja taf tirrecita billi kif harget mill-awla, hi bdiet tidhak u tghorok ideja ghax irnexxiela tiskappa kull akkuza w tisvija l-ewwel Qorti. Illi dan hu komportament serju li dina l-Onorabbli Qorti qed tigi mitluba tikkonsidra w tiehu l-mizuri necessrji. Illi apparti mill-fatt illi l-imputat gie kkundannat ghar-reat li ma ghamilx, il-principju tas-serjeta' sija fl-ghemil kif ukoll diskorsu ser jigi innutat liema haga tapplika ghall-incident inkwistjoni liema haga ser tigi osservata meta l-istess imputat jidher quddiem din l-Onorabbli Qorti. Illi din il-genwinita' tikkontrasta mar-recitar ta' Aloisia Bugeja li dina l-Onorabbli Qorti ghandha tiddixxerna biex ma jkunx hemm ripetizzjoni bhalma gara quddiem l-ewwel Qorti.

Ikkunsidrat:

Alosia Bugeja xhedet illi hija kienet qieghda ssuq mutur mid-direzzjoni tal-airport ghal Hal Ghaxaq, waslet hdejn ir-roundabout maghruf bhala Tal-Palazz ta' Bettina, dejjem fuq in-naha tax-xellug tat-triq, meta f'daqqa wahda giet karozza ohra u imbuttatha la genba u tefghetha mal-art. Qalet illi l-vettura ma kinitx quddiemha u kienet digà qabdet ir-roundabout meta dahlet fuqha l-karozza l-ohra. L-appellant Paul Busuttil xehed illi hu ukoll kien qieghed isuq fid-direzzjoni tal-Gudja u wasal hdejn ir-roundabout u xeghel l-indicator. Quddiemu ma kien hemm xejn u beda jdur. Kif ghamel hekk induna illi kien hemm il-mutur magenbu però kien tard wisq illi jevita l-habta. Qal ukoll illi hares fil-mirja imma ma ra xejn, ma kien hemm xejn madwaru u dar komdu mar-roundabout. Ma jafx minn fejn tfacca dan il-mutur. Induna bih mal-habta.

Ikkunsidrat:

Jinghad mill-bidu nett illi din il-Qorti m′ghandha xejn x′ticcensura f′operat ta′ Alosia Bugeja. Din kienet qieghda ssuq il-mutur taghha b′velocità moderata fuq in-naha tax-xellug tat-triq u hekk kif waslet vicin ir-roundabout sabet ruhha mtajjra minn karozza illi baqghet diehla fuqha u tefghetha mal-art. Min-naha l-ohra l-Qorti ssib hafna x′ticcensura fl-operat tal-appellant Paul Busuttil. Dan jghid illi wasal vicin ir-roundabout, xeghel l-indictor u beda jdur komdu meta f′daqqa wahda giet Bugeja u pruvat tiddeffes bejn il-karozza tieghu u r-roundabout.

Il-Qorti ma jidhrilhiex illi dan huwa l-kaz. Evidentement l-appellant ma kienx konxju ta′ dak kollu li qed jigri madwaru u jekk jahseb illi billi xeghel indicator seta′ jaqbad u jdur minghajr ma jassigura illi l-utenti l-ohra tat-triq mhumiex f′periklu, jizbalja il ghaliex l-uzu tal-indicator wahdu mhumiex xi brevett ta′ l-immunità. L-appellant kien imissu mhux biss xeghel l-indicator imma jhares lejn it-tlett mirja illi ghandha l-vettura u ma jbiddilx id-direzzjoni tieghu qabel ma jassigura ruhu illi dan jista′ jaghmlu minghajr periklu ghalih jew ghall-utenti l-ohra tat-triq. Ex admissis dan m′ghamlux meta stqarr illi huwa ma ndunax bil-prezenza tal-mutur u nduna biss mal-habta illi gara xi haga. Evidentement l-appellant ma harisx lejn il-mirja u ma hax dawk il-prekawzjonijiet necessarji li jwassal lill-din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni illi l-appellant ma kienx qed izomm "a proper lookout" u ghalhekk kellu jahti unikament u esklussivament ghal dan l-incident.

Il-Qorti jidhrilha illi l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha setghet legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha u ghalhekk mhux il-kaz illi din tigi disturbata minn din il-Qorti.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta′ u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------